MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2008

Citazzjoni Numru. 1238/2005

Maria Lourdes Caruana
vs
Catherine Busuttil, Carmen Agius, Josephine Mifsud, Maria Farrugia, Rosaria Micallef, Frances D'Amato u Caterina Busuttil

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tal-attrici li biha ppremettiet:

Illi l-attrici kellha fil-pussess esklussiv taghha l-fond 3, Triq San Bartilmew, Zurrieq.

Illi f'Novembru tas-sena 2005 il-konvenuti abbusivament u ad insaputa u minghajr il-permess ta' l-attrici biddlu s-serratura ta' l-imsemmi fond b'tali mod illi l-attrici ma tistax tidhol fih aktar.

Illi dan l-agir tal-konvenuti jikkostitwixxi spoll klandestin u vjolenti ghad-dannu ta’ l-istess attrici.

L-attrici talbet lill-Qorti:

1. Tiddikjara li l-attrici, bil-vjolenza u bil-mohbi da parti tal-konvenuti, giet imnezza’ mill-pussess esklussiv tal-fond 3, Triq San Bartilmew, Zurrieq meta huma biddlu s-serratura ta’ l-istess fond b’tali mod li hija ma tistax tidhol fih.

2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju li joghgobha tipprefiggilhom din il-Qorti jirrintegraw lill-attrici fil-pussess shih u esklussiv tal-fond 3, Triq San Bartilmew, Zurrieq, u dan billi taht id-direzzjoni ta’ perit nominand jerghu jbiddlu s-serratura ta’ l-istess fond u jaghtu c-cwievet l-godda kollha lill-attrici minghajr hadd iehor hliefha ma jkollu kopja taghhom.

3. Fin-nuqqas tawtorizza lill-attrici tiehu dawk il-mizuri kollha necessarji ghar-reintegrazzjoni fil-pussess billi tigi awtorizzata li taghmel l-imsemmi xoghol kollu hi taht id-direzzjoni ta’ l-istess Perit Arkitett u a spejjez ta’ l-istess konvenuti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-attrici.

**B. ECCEZZJONIJIET:**
Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha eccepew:

1. Illi l-konvenuti huma lesti jghaddu kopja tac-cwievet tal-fond 3, Triq San Bartilmew, Zurrieq salv li l-attrici ma ghandha l-ebda dritt jkollha pussess tac-cwievet tal-fond, ad eskluzjoni tal-konvenuti.

2. Illi fit-tieni lok il-konvenuti bhala werrieta ta’ Saviour Caruana, ghandhom pussess tal-fond u fi kwalunkwe kaz talba li l-proprjetarji u sidien ta’ fond jitilqu

c-cwievet kollha ta' l-istess fond minn idejhom hija inammissibbli fil-Ligi.

3. Illi fit-tielet lok il-konvenuti izommu ferm il-kap ta' l-ispejjez.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attrici Maria Lourdes Caruana li ikkonfermat li hi kellha fil-pussess esklussiv taghha l-fond 3, Triq San Bartilmew, Zurrieq u f'Novembru 2005 il-konvenuti abuzivament u ad insaputa u minghajr permess taghha biddlu s-serratura ta' l-imsemmi fond b'mod li l-attrici anqas biss tista' tidhol u ghalhekk sostniet li l-agir tal-konvenuti jikkostitwixxi spoll klandestin u vjolenti ghad-dannu taghha.

L-attrici Maria Lourdes Caruana ipprezentat affidavit fejn semmiet il-wirt u li hi u r-ragel kienu jghixu band'ohra pero` minn meta mietet omm ir-ragel fl-1965 dejjem kellhom ic-cwievet tal-fond in kwistjoni peress li kienu jiehdu hsieb il-missier u lil hu r-ragel. Hi baqghet bic-cwievet anke wara l-mewt tal-missier u tar-ragel u kienet tiehu hsieb hu r-ragel Saviour sakemm miet fl-2005, izda wara li tbiddlet is-serratura ma setghetx tidhol. Ricentement kienet tidhol xi darba, darbtejn fil-gimgha.

Gie prezentat affidavit ta' Carmen Agius, kugina ta' Saviour Caruana. Dan kien miet fl-1 ta' Jannar 2005 meta kellu 72 sena. Hu kien miet l-isptar. Miet bla testment u

saret id-dikjarazzjoni ***causa mortis*** u dahlu fid-dar fit-22 ta’ Ottubru 2005. Wara li skoprew li hi u l-kugini kienu l-werrieta qalu lil Lourdes Caruana biex taghtihom kopja tac-cwievet izda hi qatt ma wiegbet hlief biex tghid li riedet tidhol werrieta maghhom. Semmiet li kienu dahlu fid-dar minhabba l-maltemp u meta dahlu skoprew li d-dar kienet imnezza’ minn kollox b’mod li sparixxew l-affarijiet u l-ghamara u ghalhekk bidlu c-cwievet.

Rat id-digriet tad-29 ta’ Mejju 2006 li permezz tieghu gie nominat il-Perit Godwin Abela bhala Perit Tekniku. Il-perit zamm seduta fis-26 ta’ Settembru 2006 fejn gie nfurmat li kien hemm trattattivi ta’ tranzazzjoni u zamm seduta ohra fl-1 ta’ Novembru 2006 fejn gie prezentat affidavit ta’ l-attrici. Inzammet seduta ohra fis-7 ta’ Dicembru 2006 fejn sar kontro ezami ta’ l-attrici. Jinsab ukoll affidavit ta’ Carmen Agius a fol 48. Inzammet seduta ohra fl-20 ta’ Frar 2007 fejn xehdet Carmen Agius waqt li fis-seduta tat-22 ta’ Marzu 2007 tkompla l-kontro ezami ta’ Carmen Agius u gew esebiti xi dokumenti.

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku l-AIC Godwin P. Abela li issottometta li l-kwistjoni minn skond ma irrizulta hija wahda ta’ natura legali, u li hu mhux kompetenti biex jesprimi opinjonijiet f’dan ir-rigward.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi din il-kawza tirrigwarda spoll li allegatament sar billi l-konvenuti qabdu u bidlu c-cavetta tal-fond 3, Triq San Bartilmew, Zurrieq. Dan il-fond kien jabita fih Saviour Caruana, li kien jigi hu zewg l-attrici u meta miet fl-2005, wara l-mewt ta’ Saviour Caruana, l-attrici sostniet li kienet ghadha tidhol fil-fond, u sussegwentement l-eredi ta’ Caruana bidlu c-cavetta tal-fond in kwistjoni, u ghalhekk l-attrici pprocediet bil-kaz odjern.

Fl-ispoll, tlett elementi huma necessarji:

1) Pussess materjali jew mera detenzjoni – **Possedisse**

2) L-att ta’ spoll jew molestja – **Spoliatum fuisse**

3) Li l-azzjoni tkun giet proposta entro t-terminu ta’ xahrejn mill-att spoljattiv – **infra bimestre deduxisse**

Fil-kawza deciza minn din il-Qorti diversament preseduta (Imhallef Philip Sciberras fit-3 ta' Ottubru 2003) fil-kawza fl-ismijiet **Alfred Fenech vd Michael Angelo Fenech pro et noe** inghad li:
"L-azzjoni ta' spoll hija rikonoxxuta lil kwalunkwe persuna li jkollha l-pusess, ta' liema xorta jkun, jew id-detenzjoni ta' haga mobbli jew immobbli, u li dan il-pussess jista' anke jkun legittimu jew abuziv basta li bhala fatt materjali dak il-pussess ikun fil-persuna vittma tal-ispoll."

Ukoll, fil-kawza deciza minn din il-Qorti (imh. J.R. Micallef) fl-4 ta' Frar 2003 fl-ismijiet **Philip Gatt et vs Mario Cini et** inghad:
"Illi dwar l-ewwel element, huwa mehtieg li jintwera li, filwaqt li sar l-ghemil ilmentat, l-attur kien fil-pussess imqar materjali jew ta' fatt. Minbarra dan, il-pussess mghandux ikun ekwivoku imma fid-deher, ukoll jekk ikun ghal waqt qasir, u l-Qorti ghandha tillimita ruhha biss biex tqis il-fatt tal-pussess li jista' jithares minn azzjoni bhal din ikun wiehed esklussiv. Huwa maghruf ukoll li din l-azzjoni thares il-pussess ta' ezercizzju ta' dritt. B'mod partikolari, jista' jkun il-kaz fejn persuna jkollha pussess jew detenzjoni ta' jedd mahluq minn stat ta' fatt."

Kif qalet din il-Qorti diversament preseduta (Imh. P. Sciberras) fil-31 ta' Jannar 2003, fil-kawza fl-ismijiet Joseph Borg vs Emanuele Vassallo:
"Dan kollu ma jistax hlief ifisser li dak li jikkoncerna mill-qrib lill-Qorti f'azzjoni konsimili hi t-tutela tal-pussess (**Vol. XXXVII pII p776**) u li jassikura li kull att arbitrarju li jmur kontra l-volonta` tal-persuna spoljata jigi mwarrab u l-persuna spoljata debitament reintegrata. Dan fuq l-istregwa tal-aforisma ***spoliatus ante omnia restituendum*.**"

F'dan il-kuntest, ta' min ighid, li l-attur irid jipprova li fil-mument tal-ispoll, huwa kien fil-pussess tal-oggett spoljat, izda tali pussess mhemmx bzonn li jkun pussess b'titolu ta' proprjeta` jew servitu`, izda anke purament materjali jew di fatto, izda mhux ta' mera tolleranza. (Ara **Joseph Vassallo Gatt noe. vs Joseph Camilleri proprio et noe**

**-** Appell Civili- 26 ta' Jannar 1996, u **Annetto Xuereb Montebello et vs Paolin Magri et** – Appell Civili – 19 ta' Gunju 1953).

L-istess principju gie ribadit ukoll fis-sentenza tal-Appell fl-ismijiet **Emanuel sive Leli Sammut vs John Sammut** tad-19 ta' April 1999, fejn l-istess Qorti tal-Appell sostniet:
L-attur kellu jipprova b'mod konklussiv li kellu "un possesso di fatto", u mhux pussess bazat guq xi mera tolleranza li ma tkunx bizzejjed biex isservi ta' fondament ghall-akkwist tal-pussess mehtieg bhala bazi ta' din l-azzjoni.

Il-ligi tikkontempla l-pussess materjali, kien liema kien u mhux il-pussess ***animo domini*****,** u l-konvenut f'kawza ta' reintegrazzjoni mhux lecitu li jinvestiga x-xorta ta' pussess tal-attur. Konsegwentement, ghal din l-azzjoni, il-ligi ma tirrikjedix il-prova tal-legittimita` tal-pussess turbat. U takkorda r-reintegrazzjoni anke favur il-pussess **in mala fede.** (Ara **Maria Dolores Mifsud vs Michele Galea,** Appell Civili, 29 ta' Marzu 1957).

Illi l-Artikolu 791 (3) tal-Kap 12 jiddisponi li:
"Il-Qorti ghandha tezamina biss il-fatt tal-pussess jew tad-detenzjoni u l-fatt tal-ispoll."

Ara **Joseph Cilia et vs Loreto Camilleri et** Prim' Awla, 12 ta' Gunju 1998.

Fil-kawza **Mariano Farrugia et noe vs Peter Paul Cutajar** moghtija mill-Prim' Awla fit-23 ta' Ottubru 1998 gie affermat:
"Din l-azzjoni ta' spoll hija koncepita bhala zzjoni rapida u effikaci ghall-iskop li ma thalli lil hadd jiddisturba 'stat ta' fatt' arbitrarjament u hija intiza 'unikament biex iggieghel lill-konvenut li jerga' jqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha u daqshekk biss."

(Ara wkoll **Margherita Fenech vs Pawlu Zammit,** Prim' Awla, 12 ta' April 1958, u **Francesco Busuttil vs Giocchino Scerri proprio et noe,** Prim' Awla, 14 ta' Marzu 1997).

F'kawza ta' spoll ***'de recenti'*** jew privileggjat, maghandux jitqies hlief il-pusess jew id-detenzjoni tal-ispoljat u l-ispoll tal-ispoljatur – Ara **Salvatore Abela vs Giuseppe Barbara,** Prim'Awla, Qorti Civili, 27 ta' Frar 1946. Minhabba f'hekk mhumiex permessi hlief eccezzjonijiet dilatorji f'kawzi ta' din ix-xorta,hekk kif provdut fl-artikolu 791(1) tal-Kap 12.

It-tieni element li jrid jigi ppruvat fl-***actio spolii*****,** hu li l-atturi effettivament gew spoljati mill-pusess taghhom – l-att ta' spoll jew molestja – ***Spoliatum fuisse*****.** Illi hawnhekk, hu bizzejjed li jkun hemm nuqqas ta' kunsens, espress jew tacitu, ghal min isofri l-ispoll – Ara **Carmelo Rosario Dimech vs Antonia Fenech et,** Prim' Awla, 26 ta' Jannar 1957, u **Ersilia Zahra vs Aurelio Carabott,** Appell Civili, 2 ta' Dicembru 1955.

Fl-azzjoni ta' spoll privileggjat, l-***animus spoliandi*** ma jidholx. Illi l-Qorti, m'ghandhiex ghalfejn tidhol fil-kwistjoni jekk il-konvenuti kellhomx l-intenzjoni li jispoljaw. Fil-kawza **Philip Grima vs Joseph Mifsud noe et** deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Civili 646/88 deciza fit- 28 ta' Novembru, 2003 inghad li wiehed irid jara biss jekk oggettivament kienx hemm att spoljattiv (***spoliatum fuisse*****).** Ghalhekk, huwa irrelevanti jekk kienx hemm ***animus spoliandi*****.**

Illi ghandu jigi rilevat li l-vjolenza mehtiega fl-ispoll hija biss dik li l-att ta' spoll kien arbitrarju u kontra l-volonta` tal-pussessur b'mod li jista' jaghti lok ghal azzjoni ta' danni kontra min ikun ghamel dak l-att – Ara **Joseph Vella vs Salvu Micallef** deciza mill-Prim'Awla fit-30 ta' April 1991.

Fil-kawza deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Civili Superjuri fit-2 ta' Dicembru, 1955 fil-kawza fl-ismijiet **Ersilia Zahra vs Aurelio Carabott** Vol. XXXIX p.i p. 320 inghad:
Sabiex jigi sodisfatt dan ir-rekwizit ma hemmx bzonn il-'vis atrox', cioe` xi vjolenza fizika jew morali fuq il-persuna tal-possessur, imma bizzejjed il-vjolenza fuq il-haga; liema

vjolenza tavvera ruhha jekk l-opera spoljatrici tkun saret kontra l-kunsens tas-sid…..

Ezempji ta’ tali komportament da parte tal-ispoljatur ghandu certament l-iskop li jimpedixxi l-liberu ezercizzju tal-pussess, tfixkil fid-drittijiet dimunizzjoni tal-pussess, jew hsara lil min isofri l-ispoll – Vol. XLI p.II p 1129.

Fil-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell Civili Superjuri fis-6 ta’ Ottubru 2000, fl-ismijiet **Buttigieg Paul vs Buttigieg Raymond** intqal:
Hu wkoll pacifiku illi element essenzjali biex l-azzjoni ta’ spoll privileggjat tkun tista’ tregi huwa l-pussess da parti tal-ispoljat, il-prova li jkun sehh l-att spoljattiv ta’ dak il-pussess vjolenti jew klandestin da parti tal-ispojant u li l-azzjoni tkun giet intavolata mill-ispoljat fi zmien xahrejn minn mindu jkun gie kommess l-att spoljattiv.

It-tielet element ghalhekk hu li l-azzjoni tkun giet proposta entro t-terminu ta’ xahrejn mill-att spoljattiv – ***infra bimestre deduxisse*.** Fil-kawza deciza minn din il-Qorti diversament preseduta fit-22 ta’ Frar 1992 fl-ismijiet **Michelangelo Fenech noe vs Alfred Camilleri** inghad:
It-terminu ta’ xahrejn li fih l-attur irid jiddeduci l-pretensjoni tieghu huwa element essenzjali ta’ din l-azzjoni li jehtieg li jigi konkludentement pruvat mill-attur.

Ara wkoll, f’dan is-sens **Dr. Victor Sultana vs Carmelo sive Charles Gafa`** deciza mill-Onor. Qorti tal-Appell fis-26 ta’ Mejju 1998.

Hu wkoll pacifiku llum li l-pussess li trid il-ligi fl-ispoljat ghall-fini tal-azzjoni tar-re-integrazzjoni, ma hemmx bzonn ikun il-pussess b’titolu ta’ proprjeta`, imma bizzejjed pussess kwalunkwe anzi purament materjali u di fatto. Pero` huwa mehtieg li l-attur jipprova li ghandu un ***possesso di fatto***.

Hu ormai ukoll stabbilit illi l-azzjonijiet possessorji fosthom l-azzjonijiet possessorji fosthom l-azzjonijet ta’ spoll kellhom bhala fondament il-pussess ta’ kwalunkwe xorta u bhala objettiv taghhom, it-tutela ta’ dak il-pussess u

konsegwentement, il-Qorti ghandha tillimita l-ezami taghha ghall-fatt tal-pussess jew detenzjoni skond il-kaz, bla ma tidhol fil-petitorju……" (Ara wkoll **Borg Vincent vs Dalli Charles,** Appell Civili Superjuri deciz fit-12 ta' Marzu 1984).

Issa l-konvenuti eccepew li huma lesti jghaddu kopja tac-cwievet tal-fond, ad esklusjoni tal-konvenuti. U fit-tieni lok, gie eccepit li l-konvenuti bhala werrieta ta' Saviour Caruana, ghandhom pussess tal-fond, u ghalhekk it-talba tal-attrici hija inamissabbli.

Ghar-rigward ta' l-ewwel eccezzjoni, il-konvenuti gabu prova ta' dan stante li esebew id-dokumenti relevanti rigwardanti l-***causa mortis*** (fol 13 sa 16). F'dan il-kuntest, ta' min isemmi li l-attrici stess in kontro-ezami, ikkonfermat "In-Nutar qalli li ma sabx testment u qalli li fin-nuqqas jien ma kontx se nsir werrieta." (fol 47). Izda ghall-iskop ta' kawza ta' spoll il-fatt li l-konvenuti huma lesti li jghaddu kopja tac-cwievet tal-fond fejn inbidlet serratura ma jaffettwax il-mertu tal-kawza ghax il-Qorti hija obbligata li tezamina jekk jissussistux l-elementi ta' l-ispoll u tiddeciedi fuqhom. Din l-ewwel eccezzjoni b'ebda mod ma tinkwadra biex tolqot dawn l-elementi u ghalhekk il-Qorti tichad l-istess.

Sekondarjament il-konvenuti eccepew li bhala werrieta ta' Saviour Caruana huma kellhom il-pussess tal-fond. Inghad fuq li t-tliet elementi ta' spoll huma l-***possedisse***, ***spoliatum fuisse*** u ***infra bimestre deduxisse***. Ma jidher li hemm ebda kontestazzjoni dwar it-tielet element u cioe` dak l-ahhar imsemmi fejn l-azzjoni ta' spoll tkun giet proposta entru t-terminu ta' xaharejn mill-allegat att spoljattiv. Jinghad mill-ewwel ukoll li dak li eccepew il-konvenuti u cioe` li bhala werrieta ta' Saviour Caruana huma kellhom il-pussess tal-fond huwa totalment irrelevanti ghax pussess huwa totalment indipendenti mit-titolu tant li anke s-sid jista' jikkommetti spoll fuq art jew fond tieghu stess. Ghalhekk li jrid jigi stabbilit huwa min kellu l-pussess.

Irrizulta li f’Novembru 2005 l-konvenuti dahlu u bidlu s-serratura u ghalhekk jinkombi fuq il-Qorti biex tistabbilixxi jekk qabel Novembru 2005 il-pussess ta’ l-imsmemi fond kienx qieghed f’idejn l-attrici jew ghand il-konvenuti. Irrizulta car anke mid-dikjarazzjoni guramentata ta’ Catherine Busuttil li l-fond in kwistjoni kien ir-residenza u proprjeta` ta’ Saviour Caruana. Dan Saviour Caruana miet fl-1 ta’ Jannar 2005 jidher li l-attrici kellha c-cavetta tal-fond in kwistjoni mill-1965. Izda l-fatt li bniedem ikollu c-cavetta bhala fatt fih innifsu ma jwassalx ghall-element tal-pussess izda tal-fakulta` ta’ access taht certu sitwazzjonijiet. Ic-cavetta li kellha ghandha l-attrici qabel l-1 ta’ Janar 2005 kienet isservi halli hi tkun tista’ tidhol u tiehu hsieb l-ewwel lil missier u wara lil hu r-ragel. Ghalhekk il-Qorti trid tezamina l-pozizzjoni bejn l-1 ta’ Jannar 2005 u Novembru 2005 meta tbiddlet is-serratura. F’dan iz-zmien kien hemm xi hadd li kellu l-pussess tal-fond u dan minghajr pregudizzju ghad-drittijiet legali ta’ wirt jew proprjeta` tal-fond ***de quo***? Mix-xhieda ta’ Maria Lourdes Caruana jirrizulta li c-cwievet tal-fond kieneu fil-pussess esklussiv taghha u allura dan jeskludi l-possibbilta` tal-pussess tal-fond f’idejn il-konvenuti. Hi sostniet li baqghet tidhol fil-fond biex tnaddaf u tiehu hsieb anke wara l-mewt ta’ Saviour Caruana tant illi darba minnhom beda jfur l-ilma minn got-tank ta’ fuq il-bejt u kellha taghlaq l-ilma. Sostniet bil-gurament li kienet tmur tnaddaf regolarment darba, darbtejn fil-gimgha sakemm marret fit-18 ta’ Novembru u ma setghetx tiftah u ndunat li kienet inbidlet is-serratura li bilfors inbidlet ftit granet qabel ghax hi kienet tmur fid-dar regolarment kull xi erbat ijiem. Dan iwassal lill-Qorti li tikkonkludi li l-pussess materjali kien ta’ l-attrici u li allura jezisti l-element tal-***possedisse*** u konsegwentement meta dahlu l-konvenuti ta’ ***spoliatum fuisse***. Dan iwassal ghalhekk ghall-konkluzjoni logika li meta l-konvenuti qabdu u minn rajhom bidlu s-serratura gie kommess spoll, u dan naturalment qed jinghad minghajr pregudizzju ghal xi dritt legali fuq il-proprjeta` ***de quo***.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghall-motivi fuq imsemmija l-eccezzjonijiet gew michuda.

Riferibbilment ghat-talbiet attrici tiddikjara li l-attrici, bil-vjolenza u bil-mohbi da parti tal-konvenuti, giet imnezza' mill-pussess esklussiv tal-fond 3, Triq San Bartilmew, Zurrieq meta huma bidlu s-serratura ta' l-istess fond b'tali mod li hija ma tistax tidhol fih.

Tikkundanna lill-konvenuti biex fi zmien xahar mil-lum jirrintegraw lill-attrici fil-pussess shih u esklussiv tal-fond 3, Triq San Bartilmew, Zurrieq, u dan billi titqieghed is-serratura precedenti jew jikkonsenjaw ic-cwievet kollha ta' dik prezenti b'mod li ma jzommu ebda kopja huma.

Tawtorizza li fuq rikors appozitu, fin-nuqqas li jsir dak imsemmi fil-paragrafu precedenti, tawtorizza lill-attrici tbiddel is-serratura biex b'hekk tigi re-integrata fil-pussess a spejjes ta' l-istess konvenuti.

Minhabba n-natura tal-kaz, spejjez zewg terzi (2/3) ghall-konvenuti u terz (1/3) ghall-attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------